*Jingħad li meta jkun ir-riħ,*
*l-Imniefaħ joħorġu biex jingħaqdu flimkien*
*u jsiru l-Mniefaħ, ċiklun mostruż*
*mimli trab u ħmieġ li jaqbad in-nies bl-addoċċ*
*u jixħethom fil-Baħar tan-Niket bla Tarf.*

# TENTUFA



In-nanna Katie ppuntat lejn sieq Nadja u staqsietha, "Hemm x'għandek ħi?"

"Uff!" qalet it-tifla. "Din it-tentufa m'hemmx li neħles minnha."

Kulħadd waqaf sieket, iħares lejn Nadja.

"Tentufa?" staqsiet Mezzanina.

"Iva hawn ara," qaltilha Nadja, "mal-kalzetti."

"Minn fejn ġiet?" staqsa Noé.

"Minn taħt is-sodda. Inneħħiha u terġa' tiġi."

U għal mument twil kien hemm skiet perfett fid-dar. Stajt tisma' labra taqa'. Kulħadd kien qed iħares lejn it-tentufa li kienet f'nofshom mal-art.

Quddiem għajnejhom it-tentufa bdiet tagħmel xi ħaġa stramba. Xi ħaġa li qatt ma kienu raw bħalha qabel. Nadja u Antonin bilkemm setgħu jemmnu 'l għajnejhom!

Nerissa qabdet tgħajjat kemm tiflaħ, "Waslu! Daħlulna l-Imniefaħ! Mhux se neħilsu minnhom issa! Wasluuuuuu!!!"

Imbagħad inqata' d-dawl.

*L-istorja tkompli hawn ...*

KAPITLU

# 1

## NERISSA TITWERWER



Qabel ma nqata' d-dawl it-tfal innutaw li t-tentufa kienet qed ... tbaqbaq. Le stenn', tentufa ma tistax tbaqbaq! Kienet qisha qed tikber tikka u mbagħad terġa' tiċkien, qisha qed tieħu nifs! Mela tentufa magħmula minn ftit suf u trab tista' qatt tieħu nifs? Imma kienet qed tiċċaqlaq żgur. Kienet qed tiċċaqlaq minn jeddha quddiem għajnejhom. Ma kienx hemm dubju dwar dan. Kulħadd raha u ħadd ma tniffes ħlief iz-zija Nerissa li bdiet tgħajjat u twerżaq qisha rat ix-xjaten.

Imbagħad eħe, dak kien il-punt fejn inqata' d-dawl.

Bumm ... Bu-bumm!

“Ajmaaaa!!!”

Kienet il-vuċi ta' Nerissa. Mid-dehra bid-dagħdigħa li kellha fuqha baqgħet tiġri avolja fid-dlam u ovvjament kienet ħabtet ma' xi ħaġa. Imbagħad reġgħet għajtet, “Min kien dak l-injorant li poġġa ħajt hawnhekk?!”

Ħadd ma weġibha u wara xi żewġ karbiet qalet,

"Se tgħinuni jew se tħalluni hawn?" Imma ħadd ma seta' jaraha. Ma setgħu jaraw xejn.

Illaħwina! Jaħasra kienu għadhom kif għaddew minn dak l-għawġ kollu u tgħidx x'inkwiet biex ħelsu mill-Imħalla li kienet inħbiet fil-bir li kellhom fil-bitħa biex imbagħad attakkathom. Kien diġà se jibda għawġ ieħor?! Ħadd ma kien lest għaliha din.

Antonin ħass lil xi ħadd jaqbadlu idu. Inħasad għax mill-ewwel induna li mhix oħtu Nadja kienet. Kien xi ħadd kbir. Dak ix-xi ħadd poġġielu xi ħaġa f'idu. Xi ħaġa iebsa u ċkejkna u tonda. It-tifel ma beżax, anzi feraħ. Kien jaf eżatt x'kien l-oġġett li kellu f'idu. Beda jipprova jara imma d-dlam kien komplet u … stenn'! Stenn', stenn', stenn' … possibbli li dik il-ħaġa tonda f'idu kienet qed tixgħel? Kienet qed tiddi u titfa' dawl ħadrani li beda jitqawwa sa ma seta' jara li kien hemm iz-zija Kristallina maġenbu, titbissem. Imbagħad id-dawl issaħħaħ biżżejjed biex kulħadd seta' jara lil xulxin.

"Dik x'inhi?" staqsiet in-nanna Katie.

"Dik boċċa," weġibha Antonin. "Kien tahieli missieri."

Kienet tidher boċċa normali, minn dawk li kienu jilagħbu bihom it-tfal tant snin ilu. Bħal dil-boċċa kien hawn ħafna, ma kellha xejn speċjali meta tħares lejha fil-fatt, sempliċi boċċa tal-ħġieġ aħdar. Kienet għaddiet mingħand nannuh għal għand missieru u mbagħad missieru taha lilu.

"Qed tixgħel?!" stagħġbet Nadja.

"Iva ta," weġibha ż-żgħir, "ma nafx kif imma qed tixgħel."

"U lili se tħalluni hawn?" newħet iz-zija Nerissa.

Tabilħaqq kienu nesewha!

Daru lejn id-direzzjoni tal-vuċi tagħha u rawha mal-art, maġenb tavolina li kien hemm ħdejn it-taraġ li jagħti għal fuq. Kienet mgħawġa ganċ.

"U int!" għajtet in-nanna Katie, "X'fettillek tlaqt tiġri fid-dlam?"

*"Que fais-tu là-bas*, ħi?" staqsieha ħuha Noé.

Dak kien jonqosha Nerissa biex titlef xi nitfa paċenzja li seta' kien fadlilha. "Tibdiex bl-ostrina

Franċiż inti ta, għax mhux imbilli ħija ż-żgħir, inġenġlek!" Ifferuċjat bl-ikrah. "U inti Katie ħi, agħmilli santissimu pjaċir u tindaħalx. Jekk irrid niġri fid-dlam mhux ġejja tindaħalli int, owkej?!"

"Eqq owkej hux," qablet in-nanna.

Noé qal, *"Je suis tres désolé,"* biex ikompli jaħraqha.

"Aaaaaagrrrhhhhh!!!!" werżqet Nerissa filwaqt li oħtu Kristallina tagħtu daqqa ta' sieq fuq l-għaksa.

*"Aie!"* għajjat hu bil-Franċiż.

Nerissa kompliet tgħajjat, "Intom ġejjin tgħinuni jew se toqogħdu tħarsu?!"

Marru jgħinuha.

Poġġiet bilqiegħda fuq pultruna, togħrok rasha, għonqha, daharha, koxxitha, sieqha. Imbagħad ħarset 'l hawn u 'l hinn imma ma tantx setgħet tara wisq f'dak id-dawl ħadrani. "Fejn hi?" staqsiet, b'vuċi mimlija paniku.

"Għalija qed tgħid jaqaw?" staqsietha Katie. "Jien hawn qiegħda, ħdejn Alfie."

"Hux int, int!" ħatfitha Nerissa. "Inti tista'

tkun ħdejn ix-xjafek for all I care. X'jimpurtani minnek?! Fejn hi l-ħaġa li kellha mwaħħla mal-kalzetta t-tifla?"

"It-tentufa?"

"Tentufa sabiħ!!!" Il-vuċi ta' Nerissa kienet kważi twerżiqa issa. Kienet mimlija paniku u isteriżmu, tant li Nadja ħasbet bejnha u bejn ruħha li lanqas il-kantanti tal-opra ma kien jirnexxilhom jilħqu n-noti għoljin li bdiet tilħaq iz-zija dak il-ħin bit-twerżiq tagħha. "Dik mhi tentufa xejn."

"Mela x'inhi ħi?"

"Dik ... dik ... dik waħda minn dawk li tħobb issemmi int!"

Nerissa u Katie qatt ma kienu jintaħmlu, qishom kelb u qattus. Waħda rasha iktar iebsa mill-oħra, u kelma li hi kelma fuq l-istonku l-ebda waħda minnhom ma kienet iżżomm. Għaldaqstant Katie rrispondiet mill-ewwel, "Xi nħobb insemmi jien? Din fija wkoll se twaħħalha issa? Mela kollox jien nagħmel ħażin allura?"

“Iva, ovvja li int tagħmel kollox ħażin!” ħatfitha Nerissa. “Dik minn fejn ġiet, dik il- ...” Ma setgħetx tkompli għax ma felħitx terġa’ tlissen dik il-kelma misħuta.

Kulħadd kien qed iħares lejhom.

“Xi l-mniefaħ trid tgħid biha din li jien dejjem nagħmel kollox ħażin?” għajtet in-nanna.

“Hemm hi, reġgħet!” werżqet Nerissa. “Smajtuha? Smajtuha hux? Għiduli li smajtuha.”

“Iva ħi,” qalilha Noé, “imma dik ma tafx li hemm xi ħaġa ħażina f’dak li qalet.”

“Dażgur li le!” qablet miegħu n-nanna Katie. “Jien x’għedt ħażin b’daqshekk?”

Mezzanina fakkret lil Katie li kienu diġà tkellmu dwar din il-ħaġa u li hi kienet qablet li ma tibqax issemmihom. In-nanna berrqet għajnejha u ħarset lejn Nerissa. Imbagħad b'nofs tbissima u ton xi ftit kattiv u mimli nkejja qalet, “Il-mniefaħ?”

Nerissa waddbitilha cushion li kien hemm fuq il-pultruna u laqtitha f’nofs wiċċha. Katie nħasdet

iktar milli weġġgħet. Ħassitha urtata u offiża bil-kbir. Alfie beda jipprova jżommha biex ma tħebbx għal Nerissa. "Ħalliha ma, ħalliha," beda jgħidilha.

U dak il-ħin reġa' ġie d-dawl u l-boċċa ntfiet. Antonin daħħalha jiġri fil-but.

Kollha bdew iħarsu madwarhom biex jaraw fejn kienet marret it-tentufa. Nadja għajtitilhom u qaltilhom li kienet għadha hemm, fejn kienu rawha l-aħħar. Kollha marru biex jaraw u skoprew li t-tentufa kienet kibret ġmielha, u issa kienet qisha qed tinqasam f'biċċiet iżgħar.

Iz-zija Nerissa għajtet, "Qed toktor!" U Antonin kien pront staqsa xi tfisser il-kelma toktor.

Ommu qaltlu, "Qed issir aktar. Qed tiżdied!"

# RUXXMATA KREATURI

1

## IL-KREATURA TAL-BIR

2

## IL-KREATURA TAĦT IS-SODDA

3

## IL-KREATURA TAD-DEHEB